***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**L-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**13.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri.

**13.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 12 li saret Nhar L-Erbgha 14 ta' Mejju 2025:</u>***

**13.2.1.1 Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett peress li ma kienx hemm korrezzjonijiet.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**13.2.2** <u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa *12 li saret Nhar L-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025:*</u>

**13.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford tkellem fuq artiklu paġna 5 artiklu 12.3.3 fejn tkellem fuq it-traffic lights ta' Bellavista.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi TM talbu xi kjarifika min-naħa tagħna pero' għadhom ma ntbgħatitx. Hi qalet illi tkellmet mall-Perit tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb li jirrispondi mill aktar fis possibbli għaliex ir-risposta tiegħu jonqos sabiex ikun jista jitkompla u jitlesta x-xogħol.

**13.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 12.2.12 u qal illi d-dawl fil-ġnien ta' San Tumas kien hemm problema fejn ħafna mic-circuits kienu qed jittripjaw għaliex il-wires bdew jikkorodjaw però qed isir ix-xogħol fuqhom u qed jinbidlu ħafna mill-wires.

**13.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 12.2.2.19 rigward il-patching u staqsa jekk bgħatnix nistaqsu lis-Sur Steve Ellul biex itina l-iskeda meta jaħseb li ser isir dan ix-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bgħatnilu kif ukoll weġibna PQ però għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

Is-Sindku qal illi fuq Bellavista hemm id-drawings diġà però skond dawn id-drawings hemm xi emendi li jridu jsiru sabiex il-flow tat-traffiku jgħaddi aħjar, hu qal illi kellem lis-Sur Cohen però għad m'għandux risposta.

**13.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 12.3.1 rigward il-ħaxix ħażin li għad hawn ħafna minnu mal-lokal u ma jħossx li għandu joqgħod jirrapporta kull darba għaliex dan għandu jkun parti mix-xogħol tal-kenniesa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem mas-sur Duncan Hall u qallu li ma jridx li l-kenniesa tar-rotta jaqtgħu il-ħaxix għaliex inkella ma jleħħqux mall-knies izda bħala soluzzjoni ser jinħareġ tender ieħor għas-servizz ta' qtugħ ta ħaxix ħazin.

Il-Kunsilliier is-Sur John Baptist Camilleri qal illi dan minn dejjem kien parti minn xogħolhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-makkinarju li jaqta l-ħaxix ma jiswiex aktar min €300 u jista jinxtara mil-Kunsill u jingħata lill ħaddiema sabiex jibda jinqata l-ħaxix bih.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed ikun hemm ilmenti anke meta jmorru jaqtgħu il-ħaxix bil-pala ma xi faċċata tan-nies u dawn joħorgu jgħidulhom li ħa jkissrulhom l-irħam jew il- madum li jkollhom mall-faċċata.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jivverifika l-kundizzjonijiet filkas jinxtara l-makkinarju mill-Kunsill u l-ħaddiema jibdew jaqtgħu l-ħaxix ħażin bih.

**13.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 12.7.1 jekk din it-talba ġietx approvata.

Is-Segretarju Ezekuttiv Is-Sur Josef Grech qal illi s-Sinjura Elena Zulli kellmitu għaliex riedet il-filmati tat-tapit u bgħatilha l-istima però għadha ma tgħatux risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk ma taċċettax din il-kumpanija nistgħu napplikaw għal UIF funds tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**13.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford tkellem fuq paġna 5 artiklu 12.3.3.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellem lis-sur Brian fuqha u ser jiċċekkja mal-Perit Conti.

**13.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 12.2.2.1 u staqsa jekk ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħaz Zabbar għadux qed isir.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi hu ra l-ħaddiema għadejjien bix-xogħol.

**13.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 12.2.2.4 jekk iz-zebgħa non slip waslitx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser jiċċekkja ma Ġianni għaliex mhux ċert jekk waslitx.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi apparti ħdejn l-isparkle hemm biċċa fi Triq il-Qaliet quddiem l-ironmongery li qed tizloq ukoll.

**13.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 artiklu 12.7.3 jekk kellniex xi risposta rigward id-data proposta għal Festa Melħ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din ser issir is-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi Festa Tonn kienet attivita' li rnexxiet anke jekk kien hemm xi ftit intoppi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fit-12 ta' Lulju 2025 ser issir attivita' fuq is-simenta fejn ser ikun hawn il-banda tal-Pulizija. Il-Kappillan offrilna 70 siġġu biex jitpoġġew fuq is-simenta.

**13.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi qed ikollu ħafna ilmenti bl-irwejjaħ mill-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Jesmond qalu li anke qed tinxtamm minn Ħaz Zabbar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi din ir-riħa ġejja għaliex il-materjal qed jitħalla hemm minħabba l-iskart li jkun ġej mill-farms u mhux qed ilaħħqu mad-domanda.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Profs Buhagiar diġa bgħatilhom fuq din il-problema pero jekk naraw li din ser tippersisti ngħidulhom illi dan it-tip ta' skart kif ukoll l-impjant għandu jitneħħa minn Marsaskala.

**13.2.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 12.2.2.19 qal illi tajjeb nistaqsu l-Kuntrattur tat-tarmac li għandu kuntratt mall-Kunsill jekk għadux interessat li jibqa jopera dan il-kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi second best għandu rati ferm għola pero jekk terġa tinħareġ sejħa ma jafx kemm ser ikunu l-offerti li jintefgħu.

**13.2.2.12** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 12.3.5 rigward l-attivita' minn Pjazza għal Pjazza u qal illi din l-attivita' ħadmet fuqha l-Kunsillier is-Sinjura Bevelry Saliba u ħarġu b'ideja flimkien mall-Għaqda San Tumas li jkollna coaches minn pjazza għal oħra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħalissa hemm kollox għaddej in-naħa tar-ramla biex jispiċċa x-xogħol.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saqsijhom biex isiru planters apparti mall-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi hu waħħal l-aħħar notice għaliex hemm dgħajsa kbira u din icaqilqet min-naħa l-oħra u issa tinsab fid-dawra pero hu għandu l-kuntatt tas-sid u jista jkellmu biex ineħħieha minn hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ħdejn il-kamra tal-winch hemm karru ilu hemm xhur sħaħ .

Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi hu ma jafx hux ser jerġgħu iħalluhom itellaw id-dgħajjes ħdejn ir-ramla. Hu staqsa TM biex ituh direttiva ċara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-ewwel trejqa qabel iz-Zion għandha bzonn tittranġa għax mimlija ħofor kbar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi dik triq privata.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk jgħaddu l-karozzi minnha mhijiex privata.

Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi it-triq li qed jindika Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri hija privata.

Kien hemm qbil unanimu li nistaqsu lil Lands jekk din it-triq hijiex privata.

**13.3** <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku:**</u>

**13,3,1** <u>**PC0023/25 Proposed change to building alignment Naniegħ c/w Salvja (35/1647/25/I):**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal din hija applikazzjoni sabiex ibiddel l-istreetscape ta' Zonqor kollu dan għaliex dan għandu front garden u issa jrid li jibni il front garden u jekk dan ser jgħamel hekk ser joħloq preċedent u jispiċċaw jibnuwhom kollha.

Kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona għaliex iħoss li l-front gardens għandhom jibqgħu kif inhuma.

**13,3,2** <u>**Quote for staircase Works on Alley between Triq iz-Zonqor ma Triq San Ġorġ (35/1646/25/I):**</u>

Sindku qal illi hu tkellem mal President tal-għaqda tal-armar u mall-Kappillan fejn wrew ix-xewqa illi peress illi l-vara tgħaddi min Triq San Ġorġ għaz Zonqor ikunu ta periklu kif ikunu tilgħin mit- taraġ allura xtaqu li jirranġaw it-taraġ ta' ħdejn id-dar il-ħamra u jirranġaw il-gradient għaliex ikunu ser jirbulaw lura.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-istima tal-Perit indikat li x-xogħolijiet ser jiswew madwar €4000 u minħabba li dan ix-xogħol jirrikjedi DNO ifisser li din ma tisgħax issir qabel il festa ta' din is-sena.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li għal festa mhux forsi tista issir rampa temporanja fuq it-taraġ eżistenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal hu jirrikomanda li jsir xi jsir, qabel ma jinbeda x-xogħol tajjeb li jsir kejl tajjeb għaliex hemm ħafna dislivell li jibza li xorta ser tibqa l-problema. Hu qal illi kieku kif titla it-taraġ it-triq hija ċatta hekk ijwa però fdal kaz kif titla it-taraġ issib il-bankina.

Dr Errol Cutajar qal illi l-Perit kellu jara li hemm problema bil-gradient.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri daħlet għal laqgħa fis-7:30pm.***

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar issuġġerixxa jekk tistax issir speċi ta taraġ bil-maqlub u tkun temporanja.

Kien hemm qbil li nerġgħu nkellmu l-Perit.

**13.3.3** <u>**Siġra li nqalgħet minn Triq ix-Xatt min ħdejn stabbiliment ġdid:**</u>

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xtaq jiġbed l-attenzjoni fuq kwistjoni li nqalgħet minħabba binja ġdida fi Triq ix-Xatt ħdejn ic-Chicos restaurant.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm problema b'siġra fejn din inqalgħet u tpoġġiet San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa għaliex għamel dan għaliex hekk ser joħloq preċedent fi triq ix-Xatt.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi inkella ma kienx jinħariġlu l-permess biex titlesta l-binja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-permess li ma kienx jinħariġlu kien dak tal-imwejjed u siġġijiet u mhux tal-binja.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk il-Kunsilliera mhux jaqblux ma dak li sar ma jsibx problema li s-siġra terġgħa tinqala u titwaħħal fejn kienet.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi b'dan il-mod ser jiġu sidien oħra jistaqsu biex jitneħħew is-siġar minn quddiemhom ukoll u ser jitneħħew is-siġar kollha minn fuq il-bankina ta' triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi ġewwa Santa Lucija meta nqalgħu s-siġar u ntefaw f'post ieħor ħadd ma qal xejn.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet il-punt hu li qlajnija biex nakkomodaw applikazzjoni għal mwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ewwel punt huwa li ħa jieħu dan l-ispazju għal imwejjed u siġġijiet meta diġà għandna problema kbira prezenti bl-owners li qed jgħamlu mwejjed u siġġijiet bla permess.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mhux fair li ġew fuq is-Sindku li mhuwiex bniedem daqshekk tekniku għaliex biex tneħħi siġra trid idaħħal DNO. Il-perit tal-applikazzjoni kellu jinforma uffiċjalment il-Kunsill.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din kellha tiġiipprezentata quddiem il-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qara l-ittra li bgħatu lil applikant fejn TM talbu għal dikjarazzjoni mill-Kunsill illi din il-pjanta ser titneħħa.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi mhux talli tajna dikjarazzjoni iżda qlajnijha ukoll u din hi xi ħaġa li qatt ma għamilna u ma jħossx li għandna noħolqu preċedent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawk kienu palm li qablu fuqhom is-sidien tal-ħwienet u ilhom hemm 25 sena u hemm ċans li tmut la darba terġgħa titħawwel.

Kien hemm qbil li din is-siġra terġgħa titħawwel fejn kienet.

**13.3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**13.5 Rapport:**

**13.6 Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**13.7 Korrispondenza:**

**13.7.1 Reply to management letter 31 December 2024 (Letter and Ack letter from NAO):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din is-sena kienet l-aktar sena li ħareġ rapport pożittiv u jħoss li dan sar għaliex l-awdituri saqsew il-mistoqsijiet direttament meta kienu preżenti fl-uffiċini tagħna għal diversi ġranet.

**13.7.2 Rapport Lattrini (35/1572/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Contracts manager marret fuq il-post mal-kuntrattur biex tiġbidlu l-attenzjoni bin-nuqqasijiet li hemm fil-lattrini skond ir-rapport dettaljat li kienet għamlet liema rapport ġie pprezentant lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu jiċċekjom darbtejn kuljum.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm ċertu affarijiet li fl-aħħar laqgħa l-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri ġibdet l-attenzjoni fuqhom fejn huma affarijiet li forsi il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ma jindunax bihom apparti minn hekk hemm affarijiet li mhumiex fir-responsabilita' tal-kuntrattur bħal tibdil ta' madum imkisser.

Il-lattrini ta ħdejn il-knisja hawn ċertu nies li qed ikunu fuq il-bastimenti u jmorru jinħaslu fil-lattrini.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsit jekk il-Contracts manager hux ser tibqa tmur tiċċekkja frekwenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef  Grech qal illi l-lattrini suppost li qed jingħalqu però jider li mhumiex u mhux ikun hemm toilet paper.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li hi tal-ideja li nagħmlu dispencer bħal ma hemm f'lattrini oħra.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi importanti li l-lattrini jingħalqu filgħaxija għax li qed jiġri hu li jmorru n-nies filgħodu u mhux isibu l-indafa u toilet paper peres illi filgħodu l-kuntrattur ma jmurx jiftahom u jiċċekjahom u qal illi ma jħossux komdu li l-lattrini jibqgħu miftuħin mal-lejl anke jekk forsi jsir xi aċċident fihom f'dawk il-ħinijiet peress l-insurance ma tkopprinix.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi tippreferi li kieku jiġu bil-flus fejn tħallas ftit ċenteżmi u hekk ikollok servizz aħjar.

Kien hemm qbil li nkellmu l-kuntrattur sabiex jibda jiftaħ il-lattrini skond l-iskeda tas-sajf kif ukoll nipprovdu dispencers tat-toilet paper.

**13.7.3 <u>Laqgħa fuq proġett Ġnien San Tumas:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu meeting ġol Ġnien ta San Tumas rigward l-enerġija u issues li tajjeb ikunu jafu l-Kunsill hu qal id-dwal fejn hemm l-apparat ser jikkunsidraw li jibdluhom bħal dawk li hemm fil-ġnien taż-Żonqor.  Saqsewh fuq wifi connections u tkellmu fuq il-cameras u saqsew hux mqabbda mal-Lesa u jekk mhijix ħa jaraw kif tkun monitored min naħa tal-Lesa.  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-lattrina mhux inkluża fil-proġett għaliex huma qalu li meta tkellmu magħna għednilhom li l-lattrina hi tajba però hu qalilom li ma jafx kif dan hu l kaz u ma tgħamilx sens li jsir proġett bħal dak mingħajr ma tinbidel il-lattrina ta San Tumas.  Hu qal illi l-Perit indika li s-saqaf hu kkundannat u  meta għamlu l-costings ta dan il-ġnien ma inkludewx il-lattrina u talbuh jistaqsi l-Kunsill jekk inħallsux l-interiors u l-bqija jsir min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi talabom il-costings tagħha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb inkellmu lil MTA forsi jiffinanzjawa huma. Is-segretarju Ezekuttiv ghal li ahjar li naccettaw mil-ewwel il-proposta peress li ahjar hekk milli l-kunsill ikollu jiffininanzja il-progett kollu.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mil laqgħa fit-8:30pm.***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser jgħamlu ġibja b'sistema ta irrigation. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb li ngħatuwhom feedback li l-Kunsill jixtieq ikun jaf kemm jiġuh il-costings u nmexxu bil-proġett.

**13.8 <u>*Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 13:*</u>**

Il-Kunsillier John B Camilleri staqsa fuq pagament 7.3.7 jekk dan il-ħaddiem hux ser jibqa mall-Kunsill

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ijwa u jgħamel xogħol tajjeb ħafna.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda.   Il-votazzjoni kienet 8  favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**13.9 <u>*Mozzjonijiet:*</u>**

**13.9.1** <u>**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Abela u issekondata mill-Kunsillier (Nru 043-10/6/25):**</u>

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jibda jorganizza korsijiet għal l-ewwel għajnuna (First aid courses), li tinkludi lil adulti u kura pedjatrika għal dawk kollha li huma interessati.":*

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela jikkordina fuq dawn il-korsijiet liċenzjati u jsiru fl-uffiċini tal-Kunsill.

**13.9.2** <u>**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 044-10/6/25):**</u>

*" Jipproponi sabiex jsir Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp Carrying Capacity'għall-lokalità ta' Marsaskala hekk kif spjegat hawn taħt.*

*Dan il-Kunsill ghandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-carrying capacity fil-lokalita sabiex minnu joħroġ dawn ir-rizultat hawn taħt imsemmija:*

***Definizzjoni:***

*"Studju dwar il-'Carrying Capacity"' huwa essenzjali għal kull lokalita' sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalita' tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistghu jibqghu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.*

***Għanijiet tal-Istudju:***

- *Biex siru studji tal-'Carrying capacity' għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.*
- *Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-policies neċessarji.*
- *Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;*
- *Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.*

***Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:***

***Kapaċità Ambjentali – inkluz iżda mhux limitat għal:***

- *Provvista tal' ilma*
- *Maniggjar tal-iskart (eż. drenaġġ)*
- *Kwalità tal-arja*
- *Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti*

***Kapaċità ta' Infrastruttura - inkluz iżda mhux limitat għal:***

- *Toroq u traffiku*
- *Trasport pubbliku*
- *Provvista tal-elettriku*
- *Aċċess pedonali anke li jikkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali*
- *Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari*

***Servizzi Soċjali - inkluz iżda mhux limitat għal:***

- *Kura tas-saħħa*
- *Edukazzjoni*
- *Servizzi ta' emerġenza u sigurtà*

**13.9.2** ***Identita`- inkluz iżda mhux limitat għal:***

- *Sports*
- *Kultura u Wirt Storiku*
- *Tradizzjonijiet*

***Użu tal-Art u re-zoning:***

***Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emergenza***

***Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:***

- *Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;*
- *Proposti għal titjib infrastrutturali;*
- *Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;*
- *Limitu massimu ta' residenti jew turisti;*
- *Użi sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.*

***Fil-Prattika:***

*Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.*

***It-triq 'il Quddiem:***

*Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali u LI MA JITTIEĦDUX MILL-FONDI TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI DIRETTAMENT/INDIRETTAMENT.*

*Ukoll, il-Kunsill Lokali ta'* ***Marsaskala*** *għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju."*

Kien hemm qbil li nibgħatu din il-mozzjoni lill-Awtoritajiet ikkoncernati.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed ikollu ilmenti mingħand residenti li hawn xi stabbilimenti illi qed izommu l-volum tad-diski għoli f'ħinijiet mhux aċċettabli u meta staqsa dawn qalulu li bil-permess tal-Kunsill u għalhekk qed jivverifika hux minnu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jistgħax ikun u l-muzika ġewwa jista jgħalaq sal-ħdax min irid jgħamel parties oħra il-permess jiġi mill-Pulizija u mhux mill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi lanqas li kieku l-Kunsill jgħati permess, id-diski sa 3 ta' filghodu jmorru kontra il-liġi u r-responsabilita' hi dik tal-Puliziija.

**13.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9:00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 25 ta' Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ___________________ | ___________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |